L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2026

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	I
DATA:	31 ta' Awwissu 2026
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m.

Il-Lingwa u l-Lingwistika

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.

TAQSIMA A: IL-KITBA ARGUMENTATTIVA

Ikteb komponiment argumentattiv ta' bejn 500 u 550 kelma dwar WAĦDA minn dawn it-temi.

1. It-tkabbir ekonomiku f'pajjiżna qed iwassal għal żieda fid-densità tal-popolazzjoni u għal aktar pressjoni fuq l-infrastruttura. Iżda dawn mhumiex l-uniċi konsegwenzi. L-impatt soċjali ma jistax jiġi injorat, speċjalment il-livell tal-għajxien ta' bosta ħaddiema minn pajjiżi terzi u l-attitudni ġenerali lejhom. Iddiskuti.

JEW

2. L-aċċess għall-informazzjoni ta' kull tip biddel mill-qiegħ il-mod kif ngħixu. Imma mal-lussu li nsibu kulma rridu b'għafsa ta' buttuna, kibret il-problema tal-għażla bejn it-tagħrif ta' min joqgħod fuqu u l-informazzjoni falza, żbaljata jew ibbażata fuq teoriji kumplottisti. Iddiskuti.

JEW

3. Ir-reklamar mill-influencers fuq il-midja soċjali għandu mnejn jinħass iktar awtentiku, imma hawn min iqisu etikament diskutibbli għax iċajpar id-differenza bejn ir-rakkomandazzjoni personali u l-promozzjoni kummerċjali. Iddiskuti.

JEW

4. Liema hija l-ikbar prijorità tas-sistema edukattiva f'pajjiżna? Is-suċċess fl-eżamijiet jew il-kreattività, il-kurżità u l-iżvilupp intellettwali indipendenti? X'bidliet hemm bżonn biex jiġu ffurmati ċittadini li kapaċi jaħsbu b'mod kritiku u joħorġu b'soluzzjonijiet kreattivi għall-problemi ta' żmienna? Iddiskuti.

(Total: 20 marka)

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TAQSIMA B: IL-QARI

Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Immaġinak tistenna fil-kju barra club tal-mużika f'lejla sħuna, tistad fil-kartiera jew fil-handbag għal karta tal-plastik imċajpra biex turi li għandek tmintax-il sena; imbagħad immaġina li tista' tmiss il-mobile tiegħek, turi biss marka ħadra u tidħol direttament. Din id-differenza sempliċi tispjega l-wegħda tal-Kartiera Diġitali l-ġdida tal-Unjoni Ewropea, applikazzjoni fuq il-mobile li mistennija tieħu post il-ġungla ta' karti tal-identità, liċenzji tas-sewqan u passwords bi kredenzjal wieħed li tingħata mill-istat u li taħdem kullimkien, minn sit tal-logħob sa bank. (par. 1)

L-idea hi li l-gvern tiegħek jew sieħeb ta' min joqgħod fuqu, bħal xi kumpanija tat-telekomunikazzjoni, joħroġ ċertifikati diġitali siguri fuq il-mobile tiegħek. Meta ħanut, network soċjali jew uffiċċju tal-biljetti jkollu bżonn prova ta' xi ħaġa, bħall-età tiegħek, l-indirizz tiegħek, jew id-dritt tiegħek li tgħix fl-UE, int tagħżel x'taqsam miegħu u xi żżomm privat. Minflok ma turi d-data sħiħa tat-twelid tiegħek, tista' tibgħat risposta matematika ta' iva jew le li tgħid "fuq it-tmintax" u xejn aktar. (par. 2)

Il-Kummissjoni Ewropea tinsisti li dan it-tip ta' kxif selettiv ta' tagħrif personali se jsir in-norma skont il-linji gwida l-ġodda tal-Att dwar is-Servizzi Diġitali (DSA), li issa jobbliga lill-pjattaformi l-kbar jieħdu passi raġonevoli biex jipproteġu lit-tfal mill-kontenut li jagħmlilhom il-ħsara u minn reklamar immirat għalihom. Xi pajjiżi diġà qed jittestjaw prototip ta' app li tivverifika l-età. Immaġinak tiskennja QR code qabel tidħol fis-sala taċ-ċinema, il-mobile tiegħek juri dawl aħdar li jikkonferma li inti kbir jew kbira biżżejjed għal dak il-film tal-biża', u titlaq mingħajr ħadd ma jsir jaf min int. (par. 3)

Għall-kumpaniji tat-teknoloġija finanzjarja l-vantaġġ huwa ovvju. Illum biex tiftaħ kont bankarju online trid tieħu selfie, ittella' kontijiet, u tistenna, waqt li xi ħadd xi mkien ieħor jivverifika l-informazzjoni tiegħek. Bil-Kartiera l-istess proċess jista' jdum biss ftit sekondi, għax il-mobile tal-klijent diġà jkollu identità maħruġa mill-gvern u, jekk hemm bżonn, provi tad-dħul jew tar-residenza fil-pajjiż konċernat, mingħajr il-ħtieġa ta' intervent uman. Anke l-istartups Maltin jaraw vantaġġ fil-kapaċità li jilħqu swieq lil hinn minn xtutna: il-fornituri ta' self diġitali f'Malta jistgħu jaċċettaw klijenti Franċiżi jew Sloveni sa mill-ewwel jum, billi jserrħu fuq il-qafas komuni tal-UE minflok jibnu 27 sistema ta' konformità separata. Il-konsumaturi, min-naħa tagħhom, jibbenefikaw minn mod ħafna aktar nadif biex jipproteġu l-privatezza tagħhom. (par. 4)

Fost l-iktar nies li se jmorru tajjeb hemm il-ġenituri. Ir-regoli l-ġodda tad-DSA dwar il-protezzjoni ta' minuri jġiegħlu pjattaformi bħal Instagram u TikTok jillimitaw ċertu kontenut, imma dawn is-siti għandhom raġun ikunu kawti dwar il-ġbir ta' dejta personali tat-tfal. Prova tal-età bbażata fuq il-mobile, li tinżamm lokalment u mhux fuq servers f'Silicon Valley, toffri soluzzjoni intelliġenti: l-app tikkonferma l-kategorija tal-età tal-utenti, il-pjattaforma ma tara xejn aktar, u l-profil tat-tifel jew tat-tifla jibqa' sempliċi. (par. 5)

Naturalment il-kritiċi bir-raġun kollu jqanqlu mistoqsijiet ġenwini. X'jiġri jekk il-mobile tiegħek jinkiser fl-ajruport? Jista' l-mobile tiegħek iservi ta' apparat ta' sorveljanza għall-pulizija? Il-leġiżlaturi tal-UE kitbu klawsoli stretti li jipprojbixxu reġistri tal-lokazzjoni u ġbir massiv ta' dejta, iżda gruppi għad-drittijiet ċivili xorta jiflu sew dak li qed jiġri. (par. 6)

Imbagħad hemm il-fattur uman: mhux kulħadd jafda lill-istat b'aktar dejta, anke jekk dik l-informazzjoni tibqa' biss fuq il-mobile tal-utenti. Hawnhekk il-mudell ta' kxif selettiv jista' jipperswadi lil min għandu d-dubji. Fix-xiri online, ngħidu aħna, bħalissa trid tipprovdi n-numru ta' kard bankarja, id-data ta' skadenza, u kultant anke ritratt tal-passaport biex jagħmlu verifiki kontra l-frodi. Bil-Kartiera, il-mobile tiegħek jista' jibgħat il-ħlas flimkien ma' nota kriptografika li tgħid: "Dan ix-xerrej għadda mir-regoli ta' verifika tal-UE", u l-bejjiegħ qatt ma jsir jaf id-dettalji

veri tiegħek. Fil-prattika, dan ifisser inqas databases li jistgħu jixxandru f'xi attakk inevitabbli. (par. 7)

Dan kollu mhux se jsir f'daqqa. Il-liġi tal-UE titlob li kull Stat Membru joffri mill-inqas Kartiera waħda tal-Identità Diġitali tal-UE liċ-ċittadini, residenti u negozji fis-sena li ġejja, u ġa bdew proġetti pilota fuq skala kbira. L-infrastruttura tal-eID ta' Malta tagħtina vantaġġ inizjali, iżda l-ministri għandhom jaraw li l-Kartiera nazzjonali tkun kompatibbli teknoloġikament ma' dawk ta' Pariġi jew Berlin. Iridu jsiru wkoll kampanji ta' edukazzjoni sabiex in-nies ikunu jafu li xorta jistgħu jużaw passaporti stampati, u biex min hu xettiku jifhem li din it-teknoloġija ġdida mhijiex xjenza fittizja imma tarka sempliċi tal-privatezza. (par. 8)

(Addattata minn "Wiċċek mhux biżżejjed: Għaliex l-Ewropa trid kartiera diġitali f'kull but" ta' Alexiei Dingli, li deher fis-sit illum.com.mt *fit-3 ta' Settembru 2025.)*

Wieġeb il-mistoqsijiet skont dak li għadek kemm qrajt.

1. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra tas-sentenza li hija vera. (2)

   Il-qofol tas-silta huwa dwar:
   a. il-ġbir tad-dejta privata.
   b. il-kumditàtal-applikazzjonijiet diġitali.
   ċ. kif il-minorenni jiġu protetti online.
   d. il-ħarsien tal-privatezza taċ-ċittadini.

2. Fil-karta tiegħek ikteb l-ittra u n-numru tat-tweġiba t-tajba**.** (4)

   a. Il-kelma **ġungla** fis-sentenza: "Din id-differenza sempliċi tispjega l-wegħda tal-Kartiera Diġitali l-ġdida tal-Unjoni Ewropea, applikazzjoni fuq il-mobile li mistennija tieħu post il-ġungla ta' karti tal-identità, liċenzji tas-sewqan u passwords bi kredenzjal wieħed li tingħata mill-istat u li taħdem kullimkien, minn sit tal-logħob sa bank." (par. 1) tfisser:
      i. konfużjoni
      ii. varjetà
      iii. kwantità
      iv. kollezzjoni

   b. L-espressjoni idjomatika **ta' min joqgħod fuqu** fis-sentenza: "L-idea hi li l-gvern tiegħek jew sieħeb ta' min joqgħod fuqu, bħal xi kumpanija tat-telekomunikazzjoni, joħroġ ċertifikati diġitali siguri fuq il-mobile tiegħek." (par. 2) tfisser:
      i. li jaqdik
      ii. li tista' tafdah
      iii. qrib tiegħek
      iv. li joffri kumditàt

   ċ. L-espressjoni idjomatika **jmorru tajjeb** fis-sentenza: "Fost l-iktar nies li se jmorru tajjeb hemm il-ġenituri." (par. 5) tfisser:
      i. jagħmlu profitt
      ii. jilmentaw
      iii. jaqblilhom
      iv. jieħdu pjaċir

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

d. Il-kelma **xettiku** fis-sentenza: "Iridu jsiru wkoll kampanji ta' edukazzjoni sabiex in-nies ikunu jafu li xorta jistgħu jużaw passaporti stampati, u biex min hu xettiku jifhem li din it-teknoloġija ġdida mhijiex xjenza fittizja imma tarka sempliċi tal-privatezza." (par. 8) tfisser:
   i. indeċiż
   ii. ribelluż
   iii. jiddubita kollox
   iv. jikkritika kollox

3. Ikteb taqsira ta' bejn **80 u 90 kelma** fuq il-vantaġġi ewlenin tal-Kartiera Diġitali tal-Unjoni Ewropea. Ikteb it-taqsira f'paragrafu wieħed fl-imperfett u fit-tielet persuna singular. (5)

4. X'jimplika l-awtur dwar il-fiduċja fl-istituzzjonijiet? Agħti **ŻEWĠ** raġunijiet biex issostni t-tweġiba tiegħek. (3)

5. Semmi **ŻEWĠ** tipi ta' tħejjija li huma meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Kartiera Diġitali u għid x'jistgħu jkunu l-kawżi li xorta se jkun hawn min ma jużax din il-faċilità, minkejja l-vantaġġi kollha li għandha. (3)

6. X'taħseb li hi l-attitudni tal-awtur lejn din il-faċilità ġdida li se toffri l-Unjoni Ewropea? Agħti r-raġunijiet tiegħek fid-dawl tas-silta kollha kemm hi. (3)

(Total: 20 marka)

TAQSIMA Ċ: IL-LINGWISTIKA

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma fuqu.

1. Bi proċess naturali, il-ħażna lessikali ta' lingwa titlef kliem li ma jibqax jintuża u tistagħna bi kliem ġdid. Fisser kif jinħolqu n-neoloġiżmi u agħti eżempji biex issaħħaħ l-argumenti li tippreżenta. Tista' tuża tabella fit-tweġiba tiegħek.

JEW

2. Xi jwassal biex tinbidel it-tifsira ta' kelma? Iddiskuti l-proċessi differenti li jikkawżaw tibdil semantiku, u sostni kulma tikteb b'eżempji xierqa. Tista' tuża tabella fit-tweġiba tiegħek.

(Total: 20 marka)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2026

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	II
DATA:	1 ta' Settembru 2026
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m.

LETTERATURA (A)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

TAQSIMA A: IL-POEŻIJA TA' OLIVER FRIGGIERI

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. F'għadd ta' xogħlijiet f'*Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel* hemm mixja jew vjaġġ li spiss huma metaforiċi. Iddiskuti kif dawn iwasslu għal riflessjonijiet fuq l-esperjenzi tal-ħajja.

JEW

2. Xi drabi t-teknika tal-apostrofi jew tal-indirizz fil-poeżija tikkonferma s-solitudni minflok toħloq komunikazzjoni. Iddiskuti kif jidher dan f'xi xogħlijiet ta' Oliver Friggieri fil-ġabra *Mal-Fanal Hemm Ħarstek Tixgħel*.

(Total: 20 marka)

TAQSIMA B: IL-POEŻIJA TA' SIMONE GALEA

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Uħud mill-poeżiji ta' Simone Galea jesprimu kuxjenza soċjali għax jindirizzaw kwistjonijiet ta' inġustizzja u sofferenza. Kif tittratta dawn il-kwistjonijiet f'mill-inqas żewġ xogħlijiet fil-ġabra *Xi Drabi Mqar Persuna*?

JEW

2. Fil-poeżiji ta' Simone Galea f'*Xi Drabi Mqar Persuna*, ir-referenzi għall-kliem, il-poeżiji, u l-kotba jintrabtu b'mod jew ieħor mat-tema tal-imħabba. Iddiskuti.

(Total: 20 marka)

Jekk jogħġbok dawwar il-paġna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

TAQSIMA Ċ: L-ANALIŻI KRITIKA

Agħżel silta WAĦDA (i jew ii) u ikteb komponiment ta' analiżi kritika ta' bejn 450 u 500 kelma dwarha.

F'dan it-taħriġ tagħmilx sempliċiment taqsira tal-kontenut tematiku tas-silta magħżula; tirrakkuntax fi kliemek dak li diġà hemm irrakkontat fis-silta. Is-silta ta' proża trid tistħarriġha fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Agħti importanza ewlenija lil min qed jirrakkonta l-istorja u kif qed jirrakkontaha, jiġifieri b'liema vuċi u minn liema perspettiva; it-ton; ir-ritmu; il-lingwaġġ sensorju; l-għażla tal-kliem; il-partijiet tat-taħdit; il-lingwaġġ figurattiv; il-binja sintattika; u kulma jirrendiha letterarja. Stħarreġ fuq kollox l-effetti li dawn l-għażliet joħolqu.

(i)

Minn xħin jidħol sa xħin joħroġ mill-forn, Nahel kien is-soltu jinħakem mill-istess sodisfazzjon ta' naħla li taqdi dmirha bla ma jimpurtaha x'qed jiġri fil-bqija tal-kosmos. Imma minn dakinhar li għajnejh weħlu mad-dehra għaslija tat-tfajla tal-bar, Nahel tilef għalkollox is-serenità tan-naħla bieżla – u beda jkun fuq ix-xwiek biex jeħles minn ħidmietu u jtir 'il barra. Dan l-aħħar kien ukoll ħadha drawwa li jaħtaf b'ħafna xenati u kliem fieragħ lil Ahmed għal kull ħaġa ta' xejn, b'mod speċjali meta dan kien ifettillu jħalli s-sitta u nofs jiskorru qabel jitfaċċa. Ahmed ma kellux is-sengħa ta' Nahel biex jaħmi l-iprem ħobż Furraniż – xogħol iż-żagħżugħ tal-ġilda lewn il-ħarrub kien biss li jbigħu f'dawk is-sitt sigħat li fihom jiltaqa' mal-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni tar-raħal. Nahel, mill-banda l-oħra, ma kienx jinqala' bħalu għal man-nies – tih jinkesa dqiq minn rasu sa saqajh, iżda xogħol il-lavrant l-ieħor ma kien jasal jagħmlu qatt.

Mad-disgħa ta' filgħodu Nahel kien ikun il-pjazza. Fejn dari kien jagħmel ħiltu biex jevita dik in-naħa tar-raħal fejn, tgħaddi xħin tgħaddi, ħa ssib gzuz ta' nies lesti biex itaqtqu miegħek u fuqek, issa sar imur hemm bi ħġaru.

Lil ommu – imdorrija bih ma' djulha matul il-jum – ma kienx jaf kif se jfehemha li ma baqax iħossu mħeddel u li kien qed ikollu ferħ ta' ġenn biex wara l-ħasla u l-kolazzjon, ibewweġ 'il barra. *Xi darba ngħidlek biha, xi darba*, kien jgħid f'qalbu meta jaraha tħares b'għajnejn-mistoqsija.

Mhux għalissa. Ma rridx nimlielek rasek, ma, kien ikompli jmaħħaħ waħdu hu u jqandel il-bieb samm ta' barra.

Il-bieb. Dil-biċċa għuda, li tismen mal-ewwel ħalba ta' Settembru, kienet ittellagħlu l-mirra. Meta kien jipprova jiftħu, dlonk kienet tiġi fi ħsiebu ras missieru donnha sħaba griża miksija xagħar u daqna. *Meta ħa tirranġah dal-ostja bieb? Medhi biss bl-ostja knisja u bl-ostja għalqa u xejn aktar!* kien jitmħasħan waħdu Nahel. *Meta ħa ssewwih? Meta tmut? Missek ħlist u mort eremita bħal ħuk, dak l-istramb l-ieħor!* Imbagħad, wara ħafna tqandil u tgħażżiż ta' snien, iż-żagħżugħ kien jirnexxilu jbexxqu ftit, jinfilsa ruħu bejnu u x-xambrella u jiżgiċċa 'l barra bl-istess ħeġġa ta' pitirross li jseħħlu jeħles mit-trabokk.

(Mir-rumanz ta' David Aloisio, *Fis-Sema Hekkda fl-Art)*

JEW

(ii)

Malli tidħol l-uffiċċju filgħodu, iċċempel lil Mildred, is-segretarja, għall-kafè. Iddendel l-ingwanti ma' spalliera ddisinjata apposta, tidlek ftit krema ma' jdejha u tifli l-uffiċċju ddekorat sal-inqas dettall skont il-gosti tagħha. L-inkwatri astratti kellhom kuluri jidħlu tajjeb mal-bqija tad-disinn u l-għamara li għażlet, sett ta' siġar impittrin b'għeruqhom fil-blat u telgħin 'il fuq forma ta' swaba'. F'rokna tal-kamra fuq pedestall kien hemm replika ta' skultura ta' Auguste Rodin, il-par idejn famużi jiżfnu ż-żifna intima tagħhom. Kienet tixrob dan kollu mal-ewwel kafè qabel tibda tilqa' l-klijenti tal-ġurnata. Il-klijenti ħafna drabi kienu rġiel ta' suċċess, jaħdmu fil-qasam tal-assigurazzjoni u li kienu jridu s-servizzi tal-kumpanija tagħha. Ġina kienet tagħraf biċċa negozju tajba mit-ton ta' leħinhom, minn xi ħarsa misruqa li kienu jtuha u mill-għafsa ta' jdejhom. Mhux għax kienet tieħu gost b'idejn kulħadd. Xi jdejn kienu jkunu ħorox wisq u titlaqhom bilġri. Oħrajn kienu jumdawlha idha, sforz in-nervożiżmu jew il-mistħija min-naħa tal-klijent. Mildred kienet tara li tieħu n-noti kollha tal-laqgħa u wara li jitilqu timsħilha tajjeb l-iskrivanija bl-antibacterial wipes.

Mildred kienet drathom tajjeb id-drawwiet ta' Ġina. Kull filgħodu tagħti daqqa t'għajn lejn l-ingwanti ta' Ġina u ħafna drabi tobsor il-burdata. Meta Ġina kienet tidħol għax-xogħol liebsa par ingwanti jiswew kemxa, kienet tkun taf li ġejja xi ras kbira żżur l-uffiċċju u li Ġina riedet tidher importanti. Drabi oħra l-ingwanti kienu jkunu ta' drapp artab, infurrati bit-tajjar minn ġewwa. X'aktarx li kien ikun ġej xi klijent li wera interess fiha, wieħed minn dawk li jistedinha biex tmur tiekol miegħu fil-ħin tal-brejk. U qabel Ġina tillarga għal xi appuntament jew ikla, Mildred tnewlilha l-ingwanti minn posthom. Qabel ittihomlha xxommhom bis-serqa u tgħaddi subgħajha minn fuqhom. Iġġib quddiem għajnejha l-ingwanti li Ġina kienet iżżomm id-dar, ifuħu fil-kxaxen tagħhom: ingwanti tas-suf għal xi ħarġa informali fil-kampanja, ingwanti jleqqu tas-satin twal sal-minkeb li tilbishom għal xi okkażjoni speċjali, u għas-sajf xi par tal-bizzilla biex tagħti ftit arja lil subgħajha delikati. Mildred ġieli ħolmot u għeret xi ftit ukoll. Iżda kienet kuntenta taħdem ma' Ġina. U Ġina kienet kuntenta bil-kwiet ta' Mildred. Segretarji kellha bosta u ftit li xejn issaportiethom jaħdmu magħha. Ġieli tilfulha xi ingwanta b'nuqqas ta' ħsieb jew tebbgħulha xi par bil-kafè. Ma' Mildred kienet isserraħ rasha għax kienet attenta ħafna u tara li kull par ma jitħarbatx. Ma tistax tintilef ingwanta għax l-oħra ma tkun tajba għal xejn.

(Mix-xogħol ta' Rita Saliba, "Ingwanti" fl-antoloġija *Damask)*

(Total: 20 marka)

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2026

SUĠĠETT:	**Il-Malti**
KARTA NUMRU:	III
DATA:	2 ta' Settembru 2026
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa 12:05 p.m.

LETTERATURA (B)

Wieġeb it-taqsimiet **KOLLHA**.

TAQSIMA A: IR-RUMANZ

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Il-karattri fir-rumanz *Ħelsien* ta' Ġużè Bonnici huma vittmi taċ-ċirkostanzi u l-ambjent socjali ta' madwarhom. Iddiskuti.

JEW

2. Ir-rumanz *Ħelsien* huwa mibni fuq sett ta' kuntrasti, fosthom bejn il-belt u r-raħal, l-onestà u l-ħażen, il-ħaqq u l-inġustizzja. Uri kif Ġużè Bonnici jirnexxilu jintegrahom fir-rakkont tiegħu.

(Total: 20 marka)

TAQSIMA B: IN-NOVELLI

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Fl-antoloġija *Xemgħat*, Trevor Żahra sikwit jirrikorri għall-fantasija u l-maġija. Ikkummenta dwar il-funzjoni li għandhom dawn iż-żewġ elementi fit-tiswir tan-novelli tiegħu.

JEW

2. Fl-antoloġija *Xemgħat*, Trevor Żahra jitkellem kemm-il darba dwar ix-xjuħija u l-mewt. Analizza l-mod kif jiddiskuti dawn it-temi u x'jgħid fuqhom.

(Total: 20 marka)

TAQSIMA Ċ: ID-DRAMM

Agħżel titlu WIEĦED u ikteb komponiment ta' bejn 450 u 500 kelma dwaru.

1. Fid-dramm *Karnival*, Francis Ebejer ilaqqagħna ma' karattri li ma jidhrux daqstant kuntenti b'ħajjithom. Għaliex taħseb li mhumiex sodisfatti bil-ħajja li qed jgħixu?

JEW

2. Il-karattri fid-dramm *Karnival* ta' Francis Ebejer huma nies tad-demm u l-laħam daqskemm huma personaġġi simboliċi. Iddiskuti.

(Total: 20 marka)

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.